# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2022**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 579/2021 JVC**

**John Azzopardi (K.I. 775651M) bħala mandatarju speċjali ta' Michael Robert Zammit u Glenda Antonella Zammit u bħala kuratur ad litem tal-minuri Willow Maris Zammit u tal-minuri Paige Therese Zammit**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent John Azzopardi noe ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti huwa mandatarju specjali ta' Michael Robert Zammit u Glenda Antonella Zammit u dan skont 1-annessi prokuri (Dok A u Dok B rispetttivament);

2. Illi Michael Robert Zammit twieled fit-13 ta' Dicembru 1977 u inghata l-isem (names given) ta "Michael Alfred u l-isem li kellu jissejjah bih (name or names by which child is to be called) Michael u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu anness u mmarkat Dok C;

3. Illi fic-certifikat taz-zwieg isem Michael Robert Zammit huwa ndikat bhala "Michael", filwaqt li kunjomu huwa ndikat bhala "Zammit" (DOK D);

4. Illi fic-certifikat taz-zwieg isem Glenda Antonella Zammit-huwa indikat bhala "Glenda" filwaqt li kunjomha huwa ndikat bhala "Azzopardi" (DOK D);

5. Illi Paige Therese Zammit twieldet fis-27 ta Jannar 2007 u nghatat l-isem kif ghandha tissejjah u l-kunjom (name or names by which child is to be called and surname) ta' Paige Therese Zammit, filwaqt illi isem u kunjom ta' missier it-tarbija kien indikat bhala Michael Zammit u l-isem u l-kunjom tal-omm kien indikat bhala Glenda Azzopardi dan kif jirrizulta minn Dok E hawn anness;

6. Illi Willow Maris Zammit twieldet fit-22 ta Frar 2009 u nghatat l-isem kif ghandha tissejjah u l-kunjom (name or names by

which child is to be called and surname) ta' Willow Maris Zammit, filwaqt illi isem u kunjom ta' missier it-tarbija kien indikat bhala Michael Zammit u 1-isem u 1-kunjom tal-omm kien indikat bhala Glenda Zammit nee Azzopardi wife of the said Michael Zammit u dan kif jirrizulta minn Dok F hawn anness;

7. Illi isem Omm il-minuri huwa Glenda Antonella

8. Illi Michael Robert Zammit, martu Glenda Antonella Zammit u l-minuri wliedhom ilhom ghal diversi snin jghixu l-Ingilterra;

9. Illi jirrizulta li fit-30 t'Awwissu 2010, b'deed poll, Michael Robert Zammit abbanduna l-isem u l-kunjom Michael Alfred Zammit u permezz tal-istess iddikjara li l-isem u l-kunjom il-gdid tieghu huma Michael Robert Borg Darcy. Fl-istess deed poll gie ddikjarat ukoll li kunjom uliedu kellu jkun sostitwit ghal Borg Darcy (Dok G anness, liema qed jigi prezentat animo ritirandi); liema deed poll huwa regolat b'mod legali mir-Renju Unit u minn dak iz-zmien sal-lum Michael Robert Zammit kien dejjem u kostantament maghrufa b'dan l-isem u b'dan il-kunjom filwaqt li wliedu minuri minn dak iz-zmien sal-lum kunjomhom kien dejjem u konstament maghruf bhala Borg Darcy;

10. Illi minn dakinhar Michael Robert Zammit qatt ma rega' uza l-isem u l-kunjom precedenti u dejjem uza ismu u kunjomu bhala 'Michael Robert Borg Darcy';

11. Illi minn dakinhar il-minuri Paige Therese u l-minuri Willow Maris qatt ma regghu uzaw l-kunjom precedenti u dejjem uzaw il-kunjom bhala "Borg Darcy";

12. Illi jirrizulta li fit-30 t' Awwissu 2010, b' deed poll, Glenda Antonella Zammit abbandunat il-kunjom Zammit u permezz tal-istess iddikjarat li kunjomha il-gdid taghha huwa Borg Darcy. (Dok H anness, liema qed jigi prezentat animo ritirandi); liema deed poll huwa regolat b'mod legali mir-Renju Unit u minn dak iz-zmien sal-lum Glenda Antonella Zammit kienet dejjem u kostantament maghrufa bil-kunjom Borg Darcy filwaqt li wliedha minuri minn dak iz-zmien sal-lum kunjomhom kien dejjem u konstament maghruf bhala Borg Darcy;

13. Illi minn dakinhar Glenda Antonella Zammit qatt ma regghet uzat il-kunjom precedenti u dejjem uzat kunjomha bhala "Borg Darcy;

14. Illi ghalhekk jehtieg li tigi regolata l-posizzjoni ta Michael Robert Zammit, Glenda Antonella Zammit, il-minuri Paige Therese Zammit u l-minuri Willow Maris Zammit b'dan illi jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikati tat-twelid ta' Michael Robert Zammit, il-minuri Paige Therese Zammit u l-minuri Willow Maris Zammit u c-certifikat taz-zwieg ta' Michael Robert Zammit u Glenda Antonella Zammit sabiex dawn jirriflettu r-realta' tal-fatti u ma tkomplix tigi krejata konfuzjoni;

15. Illi din it-talba qed issir ai termini tal-Artikolu 253 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara li l-isem u l-kunjom korretti ta' Michael Robert Zammit huma fil-fatt "Michael Robert Borg Darcy";

2. Tiddikjara li l-isem u l-kunjom korretti ta' Glenda Antonella Zammit huwa fil-fatt "Glenda Antonella Borg Darcy";

3. Tiddikjara li l-kunjom korrett ta' Willow Maris Zammit huwa fil-fatt "Borg Darcy;

4. Tiddikjara li l-kunjom korrett ta' Paige Therese Zammit huwa fil-fatt "Borg Darcy";

5. Tordna li jsiru 1-korrezzjonijiet kollha fl-att tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 5991/1977 fis-sens fejn li fil-kolonna ismijiet moghtija (names given) il-kliem "Michael Alfred" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Michael Robert" filwaqt illi fil-kolonna isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah (name or names by which child is to be called) il-kliem "Michael" jigu kkancellati u sostitwiti "Michael Robert";

6. Tordna lill-intimat jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess Michael Robert Zammit;

7. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha fl-att tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 459/2007 fis-sens fejn li fil-kolonna isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah u l-kunjom (name or names by which child is to be called and surname) il-kliem "Paige Therese Zammit" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem Paige Therese Borg Darcy", fil-kolonna isem u kunjom missier it-tarbija (Name and surname the father of child) il-kliem "Michael Zammit" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Michael Robert Borg Darcy filwaqt illi fil-kolonna isem u kunjom l-omm (name and surname the mother) il-

kliem "Glenda Azzopardi" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Glenda Antonella Borg Darcy";

8. Tordna lill-intimat jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess Paige Therese Zammit;

9. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha fl-att tat-twelid li jgib in-numru ta′ iskrizzjoni 737/2009 fis-sens fejn li fil-kolonna isem jew ismijiet kif ghandha tissejah u l-kunjom name or names by which child is to be called and surname) il-kliem Willow Maris Zammit" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem Willow Maris Borg Darcy", fil-kolonna isem u kunjom missier it-tarbija (Name and surname the father of child) il-kliem "Michael Zammit" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Michael Robert Borg Darcy" filwaqt illi fil-kolonna isem u kunjom l-omm (name and surname the mother) il-kliem "Glenda Zammit nee' Azzopardi wife of the said Michael Zammit jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Glenda Antonella Borg Darcy nee' Azzopardi wife of the said Michael Robert Borg Darcy";

10. Tordna lill-intimat jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess Willow Maris Zammit;

11. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha fl-att taz-zwieg li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 154/2008 fis-sens fejn li fil-kolonna isem u kunjom u taht il-kolonna taghrif dwar ir-ragel mizzewweg (particulars of the husband) il-kliem "Michael Zammit" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Michael Robert Borg Darcy'", filwaqt illi fejn il-kolonna isem u

kunjom u taht il-kolonna taghrif dwar il-mara mizzewwga (particulars of the wife) il-kliem "Glenda Azzopardi" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Glenda Antonella Borg Darcy";

12. Tordna lill-intimat jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess Paige Therese Zammit;

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 1277/2021'.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. Illi in vena preliminari, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob ai termini tal-Artikolu 175 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta il-korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża, fis-sens illi l-atturi għandhom jidhru bħala 'Michael Zammit', 'Glenda Zammit', 'Paige Therese Zammit' u 'Willow Maris Zammit', u mhux bħala 'Michael Robert Borg Darcy', 'Glenda Antonella Borg Darcy', 'Paige Therese Borg Darcy' u 'Willow Maris Borg Darcy', u dan stante li l-ismijiet u l-kunjomijiet li jappartjenu lilhom skont l-Atti tat-Istat Ċivili rispettivi tagħhom huma differenti minn dawk iddikjarati mir-rikorrenti fl-okkju tal-kawża odjerna;

2. Illi in oltre, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jeċċepixxi illi għalkemm il-pożizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Liġi, huwa minnu wkoll li riċentement il-Qrati tagħna kienu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn;

5. Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn ma humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċiedew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha ssir: (i) il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) il-prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) il-prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni[1];

6. Illi fil-każ odjern, l-ismijiet u l-kunjomijiet mogħtijin lir-rikorrenti u li permezz tagħhom huma magħrufin l-istess rikorrenti jirriżultaw mill-atti segwenti:

i. L-Att tat-Twelid ta' Michael Zammit, innumerat 5991/1977, hawn anness u mmarkat Dok. DRP 1,
ii. L-Att tat-Twelid ta' Glenda Azzopardi, innumerat 799/1976, hawn anness u mmarkat Dok. DRP 2,

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

iii. L-Att tat-Twelid ta' Paige Therese Zammit, innumerat 459/2007, hawn anness u mmarkat Dok. DRP 3,

iv. L-Att tat-Twelid ta' Willow Maris Zammit, innumerat 737/2009, hawn anness u mmarkat Dok. DRP 4, u

v. L-Att taż-Żwieġ ta' Michael Zammit u Glenda Azzopardi, innumerat 154/2008, hawn anness u mmarkat Dok. DRP 5;

7. Illi l-ewwel erba' atti hawn imsemmijin, u cioe' minn Dok. DRP 1 sa Dok. DRP 4, huma atti tat-twelid lokali, li ġew redatti skont l-informazzjoni pprovduta mill-persuni illi għamlu d-dikjarazzjonijiet relattivi, kif jixhdu l-firem tal-persuni illi għamlu d-dikjarazzjonijiet relattivi fuq l-istess atti, u għalhekk isegwi illi ma sar ebda żball min-naħa tad-Direttur intimat;

8. Illi fir-rigward tal-Att taż-Żwieġ, hawn anness u mmarkat Dok DRP 5, saret talba għar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ esteru, kopja ta' liema talba tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 6, u flimkien magħha, id-Direttur konvenut kien fornut bl-Att taż-Żwieġ maħruġ mir-Renju Unit, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 7. L-esponent jissottolinea illi reġistrazzjoni ta' Att ta' Stat Ċivili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att tal-iStat Ċivili esteru u jirreġistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti. Minn evalwazzjoni tad-dokumenti in kwistjoni ma jirriżulta li sar ebda żball da parti tad-Direttur intimat;

9. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent *nomine* spjega illi fl-2010, Michael Zammit, permezz ta' *deed poll* datat 30 t'Awissu 2010, irrinunzja għal ismu Michael Alfred ZAMMIT u ddikjara illi kien qed jadotta l-isem Michael Robert BORG DARCY. Permezz tal-istess *deed poll*, Michael Zammit iddikjara wkoll illi uliedu Paige

Therese Zammit u Willow Maris Zammit għandhom isiru magħrufin bil-kunjom BORG DARCY, u b'hekk il-kunjom ZAMMIT kien qed jinbidel għal BORG DARCY anke fil-konfront ta' uliedu minuri;

10. Illi eventwalment, fit-23 t'April 2021, Glenda Zammit permezz ta' *deed poll* iddikjarat illi kienet qed tirrinunzja għal isimha Glenda Antonella ZAMMIT u tadotta l-isem Glenda Antonella BORG DARCY. Hija ddikjarat ukoll li ilha tuża l-kunjom Borg Darcy mill-2010;

11. Illi in vista tal-premess, huwa evidenti illi ma sar ebda żball da parti tad-Direttur intimat, stante illi r-rikorrent *nomine* jispjega illi l-kunjom Borg Darcy beda jintuża mill-2010, mentri l-Atti tal-iStat Ċivili illi qed jintalbu korrezzjonijiet fihom imorru lura għal qabel l-2010;

12. Illi l-esponent jinnota illi r-rikorrent *nomine*, *inter alia*, ippreżenta mar-rikors promotur kopja tad-*deed polls* in kwistjoni u dan bl-intiża li jsostni t-talbiet kif dedotti. Fid-dawl ta' dan, u bla ħsara għall-premess, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi, anke sabiex ikun assigurat illi ma tinħoloq ebda identità doppja fiċ-ċirkostanzi;

13. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-ħames talba attriċi, fejn qed tintalab korrezzjoni tal-Att tat-Twelid innumerat 5991/1977, fis-sens illi l-kliem 'Michael Alfred' jiġu kkanċellati mill-kolonna li tgħid 'isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ (name or names by which child is to be called)' u sostitwiti bl-ismijiet 'Michael Robert', id-Direttur intimat jirrileva illi fil-preżent, din il-kolonna fiha biss l-isem 'Michael'. Id-

Direttur intimat jifhem illi r-rikorrent jixtieq ukoll li l-kunjom fuq l-istess Att jinbidel minn Zammit għal Borg Darcy, iżda jirrileva illi dan mhux speċifikat fl-istess talba;

14. Illi fir-rigward tas-seba' talba attriċi, fejn qed tintalab korrezzjoni tal-Att tat-Twelid innumerat 459/2007, filwaqt illi l-attur itenni illi qed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment jissottometti illi f'każ li jkun ordnat tibdil fl-isem tar-rikorrenti Glenda, 'isem u kunjom l-omm (name and surname of mother) 'Glenda Azzopardi' għandu jiġi sostitwit bl-isem 'Glenda Antonella Borg Darcy née Azzopardi' u mhux biss bl-isem 'Glenda Antonella Borg Darcy' kif qed jikkontendi l-attur;

15. Illi fir-rigward tal-ħdax-il talba attriċi, fejn ir-rikorrent *nomine* qiegħed jitlob tibdil fl-Att taż-Żwieġ innumerat 154/2008, qed ikun irrilevat illi in effetti, dan l-Att sempliċement jirriproduċi testwalment dak illi hemm iddikjarat fl-Att esteru, illi jinsab hawn anness u mmarkat Dok. DRP 7. L-esponent umilment jirrileva illi f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba kif dedotta, se jinħolqu żewġ verżjonijiet differenti tal-istess Att, ossia l-verżjoni oriġinali fir-Reġistru Ingliż u verżjoni emendata fir-Reġistru lokali. Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi f'każ li din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi għandhom isiru t-tibdiliet fl-ismijiet rikjesti mir-rikorrent, u fin-nuqqas ta' prova illi l-Att taż-Żwieġ esteru ġie emendat sabiex jirrifletti t-tibdil fl-ismijiet imwettaq permezz tad-*deed poll*, it-tibdil fl-Att taż-Żwieġ lokali għandu jsir biss permezz ta' annotazzjoni illi tispeċifika li wara ż-żwieġ, il-konjuġi wettqu tibdil fl-ismijiet tagħhom, u llum huma uffiċjalment magħrufin bħala Michael Robert Borg Darcy u Glenda Antonella Borg Darcy, u m'għandu jsir ebda tibdil ieħor fl-Att innifsu;

16. Illi fir-rigward tat-tnax-il talba attriċi, l-esponent jifhem illi din hija replika tat-tmien talba attriċi, u għalhekk huwa tal-umli fehma illi r-rikorrent *nomine* għandu jirregola l-pożizzjoni tiegħu;

17. Illi fir-rigward tat-talbiet attriċi fejn qed jintalbu l-korrezzjonijiet fl-Atti tal-iStat Ċivili relattivi kollha, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, u mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrent, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

18. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

19. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 1 ta' Marzu 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti principalment qed jitolbu li jigu rikonoxxuti 'deed polls' li saru skont il-ligi tar-Renju Unit li permezz taghhom biddlu isimhom u l-kunjom minn dawk indikati fir-rikors guramentat kif korrett ghal dawk ta' Michael Robert Borg Darcy, Glenda Antonella Borg Darcy u l-minuri Willow Maris Borg Darcy u Paige Therese Borg Darcy.

Illi d-Direttur intimat fil-principju jirrimetti ruhu ghall-provi salv li jressaq diversi eccezzjonijiet procedurali u ta' kjarifika.

Rat illi mid-'deed poll' esebit a fol. 16 tal-process gie sufficjentement pruvat lil din il-Qorti li r-rikorrent Michael Alfred Zammit llum iggib l-isem u l-kunjom ta' Michael Robert Borg Darcy;

Rat illi mill-istess 'deed poll' il-minuri ulied ir-rikorrenti addottaw il-kunjom 'Borg Darcy' minn dak ta' 'Zammit'.

Rat illi mid-'deed poll' esebit a fol. 17 tal-process gie sufficjentement pruvat li din il-Qorti li r-rikorrenti Glenda Antonella Zammit llum iggib l-isem u l-kunjom ta' Glenda Antonella Borg Darcy;

Illi in vista tas-suespost u d-dokumenti l-ohra fl-atti jirrizulta li t-talba sabiex ir-rikorrenti jigu rikonoxxuti wkoll bl-isem/ismijiet u l-kunjomijiet dikjarati fid-'deed poll' ukoll fil-Gzejjer Maltin hija gustifikata.

Il-Qorti izda taqbel ma' dak eccepit mid-Direttur intimat li dan kollu mhux rizultat ta' xi nuqqas da parti tieghu u ghalhekk id-Direttur intimat ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri odjerni. In oltre dwar ic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti l-Qorti tqis li l-eccezzjoni tad-Direttur hija gustifikata fis-sens li la dan jirriproduci ezatt ic-certifikat taz-zwieg provdut lilu dwar zwieg li sehh barra l-pajjiz allura ghandu fl-ewwel lok jigi mibdul dak ic-certifikat esteru jekk huwa l-kaz qabel ma jigi mibdul dak Malti. Ghalhekk il-Qorti taqbel li fil-kaz tac-certifikat taz-zwieg ghandha biss tigi ordnata l-annotazzjoni dwar il-bdil fl-isem u l-kunjomijiet fl-istess certifikat.

Il-Qorti rat ukoll li l-eccezzjonijiet l-ohra dwar zbalji fir-rikors guramentat gew sorvolati permezz ta' ordnijiet minn din il-Qorti fil-verbali tal-process.

Rat ukoll li saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat biss sakemm dawn huma nkompatibbli ma dak hawn deciz u tghaddi sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem u l-kunjom korretti ta' Michael Alfred Zammit huma fil-fatt "Michael Robert Borg Darcy";

2. Tilqa′ t-tieni talba u tiddikjara li l-isem u l-kunjom korretti ta' Glenda Antonella Zammit huwa fil-fatt "Glenda Antonella Borg Darcy";

3. Tilqa′ t-tielet talba u tiddikjara li l-kunjom korrett ta' Willow Maris Zammit huwa fil-fatt "Borg Darcy;

4. Tilqa′ r-raba′ talba u tiddikjara li l-kunjom korrett ta' Paige Therese Zammit huwa fil-fatt "Borg Darcy";

5. Tilqa′ l-hames talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha fl-att tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 5991/1977 fis-sens fejn li fil-kolonna ismijiet moghtija (names given) il-kliem "Michael Alfred" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Michael Robert" filwaqt illi fil-kolonna isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah (name or names by which child is to be called) il-kelma "Michael" tigi kkancellata u sostitwita b′ "Michael Robert";

6. Tilqa′ s-sitt talba u tordna lill-intimat jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess Michael Robert Zammit fil-poter tad-Direttur intimat;

7. Tilqa′ s-seba′ talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha fl-att tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 459/2007 fis-sens fejn li fil-kolonna isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah u l-kunjom (name or names by which child is to be called and surname) il-kliem "Paige Therese Zammit" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem Paige Therese Borg Darcy", fil-kolonna isem u kunjom missier it-tarbija (Name and surname the father of child) il-kliem "Michael Zammit" jigu kkancellati u

sostitwiti bil-kliem "Michael Robert Borg Darcy filwaqt illi fil-kolonna isem u kunjom l-omm (name and surname the mother) il-kliem "Glenda Azzopardi" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Glenda Antonella Borg Darcy nee` Azzopardi";

8. Tilqa′ t-tmien u t-tnax-il talba u tordna lill-intimat jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess Paige Therese Zammit fil-poter tal-istess Direttur intimat;

9. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha fl-att tat-twelid li jgib in-numru ta′ iskrizzjoni 737/2009 fis-sens fejn li fil-kolonna isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah u l-kunjom name or names by which child is to be called and surname) il-kliem Willow Maris Zammit" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem Willow Maris Borg Darcy", fil-kolonna isem u kunjom missier it-tarbija (Name and surname the father of child) il-kliem "Michael Zammit" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Michael Robert Borg Darcy" filwaqt illi fil-kolonna isem u kunjom l-omm (name and surname the mother) il-kliem "Glenda Zammit nee' Azzopardi wife of the said Michael Zammit jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Glenda Antonella Borg Darcy nee' Azzopardi wife of the said Michael Robert Borg Darcy";

10. Tilqa′ l-ghaxar talba u tordna lill-intimat jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess Willow Maris Zammit fil-poter tal-istess Direttur intimat;

11. Tilqa' limitatament il-hdax-il talba tar-rikorrenti u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fl-att taz-zwieg li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 154/2008 billi tordna li tizdied annotazzjoni illi tispeċifika li wara ż-żwieġ, il-konjuġi wettqu tibdil fl-ismijiet tagħhom, u llum huma uffiċjalment magħrufin bħala Michael Robert Borg Darcy u Glenda Antonella Borg Darcy filwaqt li ma taworizza l-ebda tibdil ieħor fl-Att innifsu;

12. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Marzu 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Marzu 2022**